ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 69/11**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 23 ta' Mejju 2011**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Chev. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson - Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Id-Deputat Sindku s-Sur Joe Bajada kien skużat.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI</u>

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 68/11 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Is-Sindku għamel referenza għal 'Punti li joħorġu mill-minuti – para. 2' u qal minflok 'twieġeb dawn iż-żewġ ittri l-avukat tal-Kunsill' jitniżżel fil-minuti 'twieġeb għal dawn iż-żewġ ittri s-Segretarja Eżekuttiva u jekk ikun hemm bżonn jittieħed parir legali'. Ittieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

**Minuti – Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn Nru. 13/2011**

Il-Minuti Nru. 13/2011 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

Il-Kunsill iddeċieda li:

- Noel Bezzina jirritorna l-bnadar u s-sellum tal-Kunsill.
- jitranġaw ir-ritratti ta' Marsalforn.

## 4. KORRISPONDENZA

**Applikazzjoni għal permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Melita plc<br>Biex jintrama l-Melita Van nhar it-12 ta' Ġunju 2011 fi Triq il-Port k/m Triq il-Wied. | Approvata.<br>(Triq il-Wied k/m Triq il-Munġbell) |

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

L-ttra ta' direzzjoni għas-sena 2010 mibgħuta mill-Awditur tal-Gvern Spiteri Bailey & Co ttieħdet bħala moqrija peress li kopja tal-ittra kienet intbagħtet minn qabel lill-Kunsilliera. Kien maqbul li Ms Johanna Caruana tintalab tifformola t-tweġiba għal din l-ittra.

Ittra mibgħuta mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-proġett ta' Pjazza l-Assunta. Il-Kunsillier Refalo staqsa jekk kienetx saret applikazzjoni mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-proġett tal-pjazza. Is-Sindku wieġeb li l-proġett tal-pjazza ma kienx ser isir u talab lis-Segretarja Eżekuttiva tgħaddi kopja tal-ittra tal-MEPA lill-Kunsilliera. Il-Kunsillier Camilleri qal fil-fehma tiegħu, l-applikazzjoni mal-MEPA ma saritx kif maqbul mill-Kunsill.

*E-mail* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni MaLIA dwar taħriġ għall-impjegati tal-libreriji pubbliċi. Il-Kunsill approva l-ħlas tal-*membership fee* (€12) tal-librara f' din l-Assoċjazzjoni.

Komunikat tas-Sur Alexander Bonello dwar argument li kellu mas-sid ta' Scuba Kings wara li tal-iScuba ħalla l-vettura tiegħu mqabbda waqt li hu u klijenti tiegħu kienu qed jippranzaw fir-Restaurant Ta' Pennellu.

Is-Sindku qal din hi kwistjoni ta' infurzar.

Talba għal kumpens minn Melissa Portelli għal ħsara li saret fuq il-vettura tagħha meta mera tat-traffiku waqgħet fuqha fi Triq il-Qbajjar.  Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill iddeċieda li jitlob il-parir tal-avukat.

Il-Kunsillier Refalo tkellem dwar il-fatt li l-arbli tat-tabelli u l-*lamp-posts* tal-Kunsill imtlew b' tabelli kummerċjali.  Gie suġġerit li l-gwardjani lokali jordnaw lis-sidien jaqalgħu dawn it-tabelli minn mal-assi tal-Kunsill.

**<u>TRIQ IS-SAGĦTRIJA</u>**

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-Kamra l-istima tal-Perit Scerri għal xogħlijiet ta' pavimentar bis-siment fi Triq is-Sagħtrija – stima ta' €26,120.10.

Il-Kunsillier Refalo oġġezzjona għal dan ix-xogħol ta' pavimentar.  Qal minbarra li l-istima hi għolja, li hemm bżonn manutenzjoni tat-triq.  Refalo qal b' dik l-istima għandha titranġa t-triq u mhux bankina ta' erba' piedi.

Il-Kunsillier Camilleri qal jaqbel li jsir it-traqqiegħ tat-triq.

Is-Sindku poġġa l-istima tal-Perit għall-vot.

Favur – is-Sindku u l-Kunsillier Debono (ikkummenta li għalkemm l-istima esaġerata).

Kontra – il-Kunsillieri Camilleri u Refalo.

Is-Sindku tafa' l-*casting vote* tiegħu favur u allura l-istima għal xogħol ta' pavimentar fis-Sagħtrija għaddiet.

**<u>KWOTAZZJONI TAŻ-ŻEBGĦA</u>**

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li rċeviet ħames kwotazzjonijiet għall-provvista ta' żebgħa għal Marsalforn.  Qalet il-prezzijiet huma (landa ta' 10ltrs)

| | |
|---|---|
| Joseph Caruana Co Ltd | €24.85 |
| Pace & Mercieca | €44.56 |
| Rapa Showrooms Co Ltd | €28.91 |
| DDS Ltd | €27.18 |
| Vella Falzon Bldg. Supplies Ltd | €35.40. |

Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' Joseph Caruana Co Ltd li kienet l-irħas waħda.

**<u>SEJĦA GĦALL-OFFERTI</u>**

Provvista u konsenja ta' lanterni dekorattivi għal Triq is-Sajjied.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li ntefgħu tlett offerti għall-Kuntratt tal-provvista u konsenja ta' lanterni dekorattivi għal Triq is-Sajjied. Qalet li l-offerti huma ta', b' valur ta':

| | | |
|---|---|---|
| Calleja Ltd | | €4,643.28 |
| Richard Cauchi | Opt 1 | €3,920 |
| | Opt 2 | €1,168.20 għal kull fanal |
| C Fino & Sons Ltd | Opt 2 | €4,696 |
| | Opt 9 | €4,466.36 |

Sar il-qari tar-rapport tal-Inġiniera Galea Curmi dwar l-offerti mitfugħa.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Richard Cauchi (Opt 1) peress li kienet l-irħas offerta u teknikament tissodisfa l-kriterji tal-offerta – skont ir-rapport tal-Inġiniera. Il-Kunsill qabel li joħroġ l-ordni lil Cauchi.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

Il-Kunsillier Debono rtira mill-Kamra tal-laqgħat.

## 6. BUDGET 2011

Sar il-qari tal-Budget għas-sena 2011.

Wara xi mistoqsijiet u rimarki ta' kjarifika, il-Kunsill qpprova l-budget kif preżentat.

## 7. INVIT MILL-COMUNE DI MALETTO

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat invit li l-Kunsill Lokali rċieva mill-Comune ta' Maletto għall-festa tal-frawli li ser issir bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 2011 f' Maletto.

Il-Kunsillier Camilleri oġġezzjona għal dan l-invit. Qal il-Kunsill ilu ma jkollu kuntatt ma' ta' Maletto għal dawn l-aħħar ħames snin.

Refalo staqsa x' piż ser jinxteħet fuq il-Kunsill?

Is-Sindku wieġeb il-biljetti tal-ajru li jiswew €126.84 il-wieħed u s-*subsistance allowance.*

Kien maqbul li din iż-żjara ma ssirx.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva:

- t-tiġdid tal-Kuntratt tal-kera tal-bini tal-Kunsill ta' Anthony Vella
- x-xiri tas-sensiela tal-Kullana Kulturali mill-Ġdid – Skema D.

Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir kommemorazzjoni ad unur Dun Anton Dimech bħala l-ewwel persuna li mietet li kienet ingħatat il-Premju Ġieħ iż-Żebbuġ. Is-Sindku għandu jitkellem mas-Sur Kevin Sciberras tal-Kultura biex jara x' tip ta' attivita' tista' tkun organizzata.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fis-7.30 ta' filgħaxija għal nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Kav. Carmelo Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva

# Dok. A

**Skeda Nru. 69/11**

**Kunsill Lokali:** **Iz-Zebbug Ghawdex**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data **29/04/2011 sa 16/05/2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Guard & Warden Service Hse | €123.90 | €123.90 | D | | Servizzi ta' gwardjani lokali 16-17/04/11 | 14/04/11 | | 17-18 | | 3360 | 5135 |
| 2 | Maltapost | €481.00 | €481.00 | D | | *Bulk mail - flyers* attivita' Gmiel il-Fatra | 02/05/11 | | | | 3360 | 5137 |
| 3 | Segretarja Ezekuttiva | €1,492.06 | €1,492.06 | | | Salarju tas-Segretarja Ezekuttiva April 2011 | | | | | 1200 | 5138 |
| 4 | Ass. Ufficjal Principali | €1,181.09 | €1,181.09 | | | Salarju tal-Ass. Ufficjal Principali April 2011 | | | | | 1200 | 5139 |
| 5 | Skrivana | €477.59 | €477.59 | | | Salarju tal-iskrivana April 2011 | | | | | 1200 | 5140 |
| 6 | Sindku | €345.33 | €345.33 | | | Onorarja tas-Sindku April 2011 | | | | | 1100 | 5141 |
| 7 | Dipartiment tat-Taxxi Interni | €1,118.12 | €1,118.12 | | | Hlasijiet dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni April '11 | | | | | 1200 | 5142 |
| 8 | Dipartiment tal-Informazzjoni | €9.32 | €9.32 | D | | Reklam fuq il-Gazzetta tal-Gvern | | | | | 2940 | 5143 |
| 9 | Maltapost | €38.00 | €38.00 | D | | Bolli | | | | | 2650 | 5144 |
| 10 | | | | | | | | | | | | |
| 11 | Nancy Cefai | €147.49 | €147.49 | T | INV | Tindif u zamma tal-latrina pubblika taz-Zebbug 04/11 | 30/04/11 | 7012957 | | | 3053 | |
| 12 | Anthony Borg | €468.03 | €468.03 | T | INV | Tindif u zamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar 04/11 | 02/05/11 | 100-3 | | | 3061 | |
| 13 | Public Cleansing Section | €605.30 | €605.30 | T | INV | Gbir ta' *bulky refuse* u tindif u zamma tal-latrini ta' M' Forn 04/11 | 03/05/11 | 201156 | | | 3042 &3053 | |
| 14 | Richard Cauchi | €2,947.49 | €2,947.49 | T | INV | Tiswija ta' diversi lampi | 03/02/11 | 1812-14 | | | 3065 | |
| 15 | Felix Cini | €65.00 | €65.00 | D | INV | Servizz ta' taxi - gbir ta' trofej u Patri Amadeo Zammit | 13/05/11 | 1182 | | | 2780 | |
| 16 | Felix Cini | €129.92 | €129.92 | D | INV | Trasport tat-tfal tal-iskola Frar & Marzu 2011 | 11/05/11 | 1179-80 | | | 3380 | |
| 17 | Felix Cini | €64.96 | €64.96 | D | INV | Trasport tat-tfal tal-iskola April 2011 | 11/05/11 | 1181 | | | 3380 | |
| 18 | Richard Axiaq | €106.00 | €106.00 | D | INV | Xoghol ta' twittija fi Triq Ghajn Qucca‌t | 07/05/11 | 272 | | | 2311 | |
| 19 | GO | €205.99 | €205.99 | D | INV | Kera ta' Mejju u konsum ta' April 2011 - 21563056 | 12/05/11 | 25734512 | | | 2150& 2160 | |
| 20 | GO | €35.68 | €35.68 | D | INV | Kera ta' Mejju u konsum ta' April 2011 - 21563322 | 11/05/11 | 25722833 | | | 2150& 2160 | |
| | **Sub Total c/f** | **€10,042.27** | **€10,042.27** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€10,042.27** | **€10,042.27** | | | | | | | | | |

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data **29/04/2011 sa 16/05/2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Gozo Vision Studio | €100.00 | €100.00 | D | INV | Servizz ta' fotografu - Gmiel il-Fatra 07-05-2011 | 10/05/11 | 2011-35 | | | 3360 | |
| 22 | Victor Cini | €1,020.00 | €1,020.00 | D | INV | Bnadar | 12/05/11 | 5645256 | | | 3370 | |
| 23 | Joseph Agius | €1,000.00 | €1,000.00 | D | INV | Loghob tan-nar - Gmiel il-Fatra | 07/05/11 | 978 | | | 3360 | |
| 24 | Gozo Express Services | €11.80 | €11.80 | D | INV | Servizz ta' kurrier | 30/04/11 | A12922 | | | 2640 | |
| 25 | Kor Santa Marija | €150.00 | €150.00 | D | INV | Servizzi mill-kor - Jum iz-Zebbug 2011 | | | | | 3370 | |
| 26 | Kor Regina Angelorum | €150.00 | €150.00 | D | INV | Servizz mill-kor - Ilwien ir-Rebbiegha 2011 | | | | | 3360 | |
| 27 | Jacqueline Vella | €70.00 | €70.00 | D | INV | Partecipazzjoni fl-attivita' Ilwien ir-Rebbiegha 2011 | | | | | 3360 | |
| 28 | Franco Cefai | €100.00 | €100.00 | D | INV | Servizzi ta' pjanist - diversi attivitajiet tal-Kunsill | | | | | 3360 | |
| 29 | Refalo Signs | €1,003.00 | €1,003.00 | D | INV | *Banners* - Gmiel il-Fatra | 28/04/11 | 6 | | | 3360 | |
| 30 | Refalo Signs | €194.70 | €194.70 | D | INV | *Frame* ghal *banner* ta' Marsalforn | 29/04/11 | 7 | | | 3360 | |
| 31 | Data Protection Commissioner | €23.29 | €23.29 | D | INV | *Annual fee* 2010 - 2011 | 09/05/11 | 2150 | | | 3410 | |
| 32 | KDM Insurance Brokers | €285.00 | €285.00 | D | INV | Polza t' assikurazzjoni - loghob tan-nar Gmiel il-Fatra | 04/05/11 | 11155 | | | 3360 | |
| 33 | WasteServ Malta Ltd | €1,017.87 | €1,017.87 | D | INV | *Tipping fees* Marzu 2011 | 15/04/11 | 8644 | | | 3040 | |
| 34 | G4S Security Services Ltd | €15.22 | €15.22 | T | INV | Servizzi ta' garr ta' flus - April 2011 | 30/04/11 | 2558 | | | 3060 | |
| 35 | J. de Bono Printing Press Ltd | €152.25 | €152.25 | D | INV | *Flyers* - Gmiel il-Fatra | 31/03/11 | 7146 | | | 3360 | |
| 36 | Dominic Department Stores Ltd | €110.16 | €110.16 | D | INV | Zebgha ghal Marsalforn | 05/05/11 | 134333 | | | 3063 | |
| 37 | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | €296.00 | €296.00 | D | INV | Polza ta' assikurazzjoni tas-sahha - 01-05-2010 / 31/12/2011 | 02/05/11 | | | | 3030 | |
| 38 | MITA | €19.88 | €19.88 | D | INV | *E-mail accounts* tal-Kunsilliera 01-03/2011 | 29/04/11 | 24808 | | | 3410 | |
| 39 | Galea Curmi Engineering Cons. | €27.48 | €27.48 | T | INV | Applikazzjoni mal-Enemalta PR62/11 - Triq il-Kaccaturi | 29/04/11 | 969 | | | 3065 | |
| 40 | Galea Curmi Engineering Cons. | €224.20 | €224.20 | T | INV | Servizzi ta' konsulenza - xoghol fuq il-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar | 29/04/11 | 970 | | | 3065 | |
| | **Sub Total c/f** | **€5,970.85** | **€5,970.85** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€10,042.27** | **€10,042.27** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€16,013.12** | **€16,013.12** | | | | | | | | | |

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data **29/04/2011 sa 16/05/2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | B.C.D. Graphics Ltd | €38.48 | €38.48 | D | INV | Inviti - Cerimonja Jum iz-Zebbug | 29/04/11 | 2686 | | | 3370 | |
| 42 | B.C.D. Graphics Ltd | €44.84 | €44.84 | D | INV | Programmi - Cerimonja Jum iz-Zebbug | 29/04/11 | 2691 | | | 3370 | |
| 43 | B.C.D. Graphics Ltd | €714.00 | €714.00 | D | INV | *Flyers* - Ilwien ir-Rebbiegħa & *posters* parata taz-zwiemel | 29/04/11 | 2649 & 50 | | | 3360 | |
| 44 | B.C.D. Graphics Ltd | €82.45 | €82.45 | D | INV | Biljetti - Ilwien ir-Rebbiegħa | 29/04/11 | 2677 | | | 3360 | |
| 45 | Leon Promotions | €865.00 | €865.00 | D | INV | Divertiment għat-tfal - Gmiel il-Fatra | 12/05/11 | S08/11 | | | 3360 | |
| 46 | Smart Office Supplies Ltd | €76.20 | €76.20 | D | INV | Spejjez tal-ufficcju | 02/05/11 | 13022338 | | | 2620 | |
| 47 | Joseph Caruana Co Ltd | €1,083.50 | €1,083.50 | K | INV | Pajpijiet u *fittings* għal Marsalforn | 29/04/11 | 86385 | | | 3063 | |
| 48 | Gozo Vision Studio | €450.00 | €450.00 | D | INV | Fotografu - attivitajiet Jum iz-Zebbug 2011 | 03/05/11 | 999910 | | | 3370 | |
| 49 | Kav. Joe Attard | €50.00 | €50.00 | D | INV | Compere' - Cerimonja ta' Jum iz-Zebbug | 02/05/11 | | | | 3370 | |
| 50 | Richard Castillo | €1,105.00 | €1,105.00 | D | INV | Divertiment - Gmiel il-Fatra | 12/05/11 | R01/11 | | | 3360 | |
| 51 | Mark Grech | €1,110.00 | €1,110.00 | D | INV | Compere' u diversi kantanti - Gmiel il-Fatra | 12/05/11 | M4/11 | | | 3360 | |
| 52 | Socjeta' Filarmonika Santa Marija | €2,790.00 | €2,790.00 | D | INV | Tlett servizzi mill-Banda | 30/04/11 | 2-3 &5 | | | 3360 & 3370 | |
| 53 | Korporazzjoni Enemalta | €233.00 | €233.00 | D | INV | *Annual fee* 2011 | 27/04/11 | 300 | | | 3065 | |
| 54 | Galea Curmi Engineering Cons. | €95.93 | €95.93 | T | INV | C M Fee - April 2011 | 29/04/11 | 962 | | | 3065 | |
| 55 | Maria Homoki | €250.00 | €250.00 | D | INV | *Bouncy castles u divertiment għat-tfal* - Ilwien ir-Rebbiegħa | 21/04/11 | 78 | | | 3360 | |
| 56 | Salvina Bajada | €37.28 | €37.28 | D | INV | Tindif tal-ufficini tal-Kunsill - April 2011 | 30/04/11 | | | | 3055 | |
| 57 | Road Construction Co Ltd | €38.48 | €38.48 | D | INV | Provvista ta' ramel | 21/04/11 | 11006 | | | 2370 | |
| 58 | Emergency Response & Rescue Corps | €150.00 | €150.00 | D | INV | Ambulanza - Ilwien ir-Rebbiegħa | 28/04/11 | 1006 | | | 3360 | |
| 59 | Carmelo Grima | €1,093.92 | €1,093.92 | | | Salarju Agent Segretarju - 1-15/04/2011 | 16/05/11 | | | | 3190 | |
| 60 | Maria Gellel | €1,030.00 | €1,030.00 | D | INV | Kuncert mill-New Cuori Band - Gmiel il-Fatra | 12/05/11 | G07/11 | | | 3360 | |
| | **Sub Total c/f** | **€11,338.08** | **€11,338.08** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€16,013.12** | **€16,013.12** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€27,351.20** | **€27,351.20** | | | | | | | | | |

Sindku

Seg. Ezek.

**Approvati fis-Seduta Nru:** 69/11

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier